Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 326 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2020.

Użu mandatorju ta' maskri mediċi jew tad-drapp.

2. Kull persuna li tkun:

(a) ġewwa ħwienet tal-imnut;

(b) tivvjaġġa fuq transport pubbliku;

(ċ) tivvjaġġa bejn Malta u Għawdex inkluż fit-terminals rispettivi taċ-Ċirkewwa u l-Imġarr; u

(d) ġewwa l-bini tat-terminal tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta,

għandha f'kull ħin tilbes maskra medika jew tad-drapp.

Reati u penali.

3. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' mitt euro (€100) għal kull darba mill-okkażjonijiet li dawn ir-regolamenti jiġu miksura:

Iżda jekk ir-reat jiġi ammess u l-penali tiġi mħallsa qabel ma jibdew il-proċeduri quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, il-penali applikabbli għandha tkun imnaqqsa għal ħamsin euro (€50).